31978R0913

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (EURATOM, KEFA, KEE) Nru 913/78
tat-2 ta' Mejju 1978
li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 li jistabbilxxi l-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda tal-Komunitajiet Ewropej;

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1544/73 [2], għandu jkun emendat sabiex jittieħed kont tar-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KEFA, KEE) Nru 912/78 tat-2 ta' Mejju 1978 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-kondizzjonijiet ta' impieg applikabbli għall-aġenti l-oħra oħra tal-Komunitajiet Ewropej [3],

ADOTTADAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan l-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud ma l-Artikolu 6(1)(a) tar-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68:

"— taħt l-Artikolu 70a tar-Regolamenti tal-Persunal."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-2 ta' Mejju 1978.

Għall-Kunsill

Il-President

K. B. ANDERSEN

(1) ĠU L 56, ta' l-4.3.1968, p. 8.
(2) ĠU L 155, tal-11.6.1973, p. 6.
(3) Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.